# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR171905, Press Release Issue Date: Aug 22, 2017

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jinforma lill-pubbliku li wara informazzjoni li rċieva dan id-direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), il-prodott imsemmi m'għandux jiġi kkunsmat minn persuni li huma allerġiċi għas-soja, minħabba li nstab li fih soja li mhuwiex iddikjarat fuq it-tikketta.

**Deskrizzjoni tal-prodott:** Semolina
**Ditta:** Buitoni
**Użin:** 250g
**Numri tal-lott:** 7058085022 u 70580850
**Dati tad-durabbiltà:** 01/02/2019 u 28/02/2019
**Oriġini:** L-Italja

Il-kumpanija involuta ddikjarat li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet għaldaqstant id-Direttorat hu obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku hu ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.